

Domanda preliminari

L-Artikoli 8, 10 u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 23 u 33(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikoli 1 u 14(1) tad-Direttiva 2006/54 ⁽¹⁾, moqrija fid-dawl tad-Direttiva 2010/18 ⁽²⁾, li timplimenta l-Ftehim Qafas dwar il-leave tal-ġenituri, jipprekludu dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali bħall-Artikolu 37(6) tal-Estatuto de los Trabajadores (il-Kodiċi tax-Xogħol), li jissuġġetta l-eżerċizzju tad-dritt tal-ħaddiem li jirrikonċilja l-ħajja familjari tiegħu mal-ħajja professjonali tiegħu sabiex jieħu ħsieb b'mod dirett minuri jew membri tal-familja tiegħu li jkunu taħt il-kustodja tiegħu għall-kundizzjoni li fi kwalunkwe każ il-ħaddiem għandu għal dan l-għan inaqqas il-ħin tax-xogħol ordinarju tiegħu u konsegwentement ibati tnaqqis proporzjonali fis-salarju tiegħu?

⁽¹⁾ Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23).

⁽²⁾ Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE tat-8 ta' Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jħassar id-Direttiva 96/34/KE (ĠU 2010, L 68, p. 13).

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fl-4 ta' Ġunju 2018 – María Teresa Aragón Carrasco, María Eugenia Cotano Montero, María Gloria Ferratges Castellanos, Raquel García Ferratges, Elena Muñoz Mora, Ángela Navas Chillón, Mercedes Noriega Bosch, Susana Rizo Santaella, Desamparados Sánchez Ramos, Lucía Santana Ruiz u Luis Salas Fernández (bħala werriet ta' Lucía Sánchez de la Peña) vs Administración del Estado

(Kawża C-367/18)

(2018/C 294/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: María Teresa Aragón Carrasco, María Eugenia Cotano Montero, María Gloria Ferratges Castellanos, Raquel García Ferratges, Elena Muñoz Mora, Ángela Navas Chillón, Mercedes Noriega Bosch, Susana Rizo Santaella, Desamparados Sánchez Ramos, Lucía Santana Ruiz u Luis Salas Fernández (bħala werriet ta' Lucía Sánchez de la Peña)

Konvenuta: Administración del Estado

Domandi preliminari

- 1) Il-Klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar Xogħol għal Żmien Determinat, li jnsab anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 ⁽¹⁾, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi l-leġislazzjoni nazzjonali Spanjola li, fl-Artikolu 12(3) tat-test ikkonsolidat tal-Estatuto del Empleado Público (l-Istatut tas-Servizz Pubbliku) (Real Decreto Legislativo 2/2015, de 30 de octubre) (id-Digriet Irjali Leġislattiv 2/2015, tat-30 ta' Ottubru 2015), tipprevedi l-waqfien liberu mill-funzjonijiet mingħajr allowance u tipprevedi, bil-kontra ta' dan, fl-Artikolu 49(1)(c) tat-test ikkonsolidat tal-Estatuto del Empleado Público (l-Istatut tas-Servizz Pubbliku) (Real Decreto Legislativo 2/2015, de 30 de octubre) (id-Digriet Irjali Leġislattiv 2/2015, tat-30 ta' Ottubru 2015), allowance meta t-terminazzjoni tal-kuntratt tax-xogħol tkun dovuta għal ċerti kawżi previsti mil-liġi?
- 2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv, miżura bħal dik stabbilita mil-leġislatur Spanjol, li tipprevedi li l-allocation tiġi stabbilita għal tnaqqas il-ġurnata [ta' salarju] għal kull sena maħduma, li l-ħaddiem jirċievi meta jintemm kuntratt ta' xogħol temporanju, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas, anki meta r-relazzjoni kuntrattwali temporanja kienet limitata għal kuntratt wieħed?

- 3) Fil-każ li r-risposta għat-tieni domanda tkun fl-affermattiv, dispożizzjoni legali li tagħti lill-ħaddiema għal żmien determinat allowance ta' tnax-il ġurnata [ta' salarju] għal kull sena maħduma ladarba jintemm il-kuntratt, iżda li teskludi minn din l-allowance lill-imsemmi persunal temporanju meta jkun hemm waqfien liberu mill-funzjonijiet, tmur kontra l-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas?

(¹) Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Administrativo e Fiscal de Penafiel (il-Portugall) fis-7 ta' Ġunju 2018 – Prosa – Produtos e Serviços Agrícolas vs Autoridade Tributária e Aduaneira

(Kawża C-373/18)

(2018/C 294/36)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Administrativo e Fiscal de Penafiel

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Prosa – Produtos e Serviços Agrícolas

Konvenuta: Autoridade Tributária e Aduaneira

Domanda preliminari

Il-paragrafu 26.1 tat-Tariffa Ġenerali relatata mat-Taxxa tal-Boll, skont il-verżjoni emendata bl-Artikolu 3 tad-Digriet Liġi Nru 322-B/2001 tal-14 ta' Diċembru, sa fejn dan jipprevedi l-applikazzjoni tat-Taxxa tal-Boll fil-kostituzzjoni ta' kumpannija b'kapital azzjonarju (kumpannija b'responsabbiltà limitata), li l-kapital azzjonarju tagħha jitħallas kollu kemm hu fi flus, jikser l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE (¹) tas-17 ta' Lulju 1969, fil-verżjoni emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 85/303/KEE (²) tal-10 ta' Ġunju 1985?

(¹) Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE tas-17 ta' Lulju 1969 li tikkonċerna taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 11).

(²) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 122.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-iSpetsjaliziran nakazatelen sad (il-Bulgarija) fit-8 ta' Ġunju 2018 – Proċeduri kriminali kontra AH et

(Kawża C-377/18)

(2018/C 294/37)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Spetsjaliziran nakazatelen sad

Partijiet fil-proċeduri kriminali nazzjonali

AH, PB, CX, KM, PH